# L-ALPI TALJANI u l-AWSTRIJA

mill-1 sat-8 ta' Lulju 2011

**Inkunu noqgħodu f'Dobbiaco (Toblach), fl-isbaħ parti mill-Alpi, fl-Ewropa kollha.**

**L-1 ta' Lulju il-Ġimgħa** Il-grupp jingabar fl-ajruport fis-7 am mnejn jitlaq lejn Milan mat-titjira tal-Air Malta KM 626 fejn jasal fl-10.30am. Transfer bil-coaches: waqfa qasira fil-belt ta' Bressanone. Meta naslu isir it-tqassim fil-kmamar. Se nkunu noqgħodu f'Dobbiaco fil-Casa per ferie Europa. Ftit ħin ta' mistrieħ. Tard wara nofsinhar noħorġu nduru ċ-ċentru ta' Dobbiaco biex niffamiljarizzaw ruħna mal-post. DOBBIACO (mil-Latin Duplagum) imsejjaħ ir-reġina u l-bieb tad-Dolomiti qiegħed f'għoli ta' 1256 metru u minnu jgħaddu x-xmajjar Isarco, Drava u Rienz. Jidhru sbieħ il-qċaċet tal-muntanji, kif ukoll il-Val di Landro, il-Val Pusteria. Qiegħed fil-provinċja ta' Bolzano, fl-Alta Pusteria, bogħod 70 kilometru minn Bolzano u Merano. Dobbiaco hu l-iksaħ post fix-xitwa, fid-Dolomiti u popolari ħafna fis-sajf.

**2 ta' Lulju** Bil-coach immorru fl-ikbar u l-isbaħ għadira tad-Dolomiti, il-Lago di Braies tiddi b'ilwien differenti u li nistgħu naqsmu bid-dgħajjes tal-qdif. Inżuru r-raħal ta' BRAIES. Atmosfera ta' wisgħa u kwiet bejn il-pjanuri Fanes-Senes-Braies. Nidħlu f'dinja ta' kwiet, ta' għelieqi bir-riħa tfuħ, ta' kampanja b'ħaxix selvaġġ ta' kull kwalita', foresti folti tal-prinjol. Fil-ġranet bnazzi, sema safi b'ikħal intens. Fil-qrib, Piazza Prato, Croda del Becco, il Ferreria. Nieqfu wkoll fl-irħula żgħar Villa Bassa u Monguelfo.

**3 ta' Lulju** Bil-coach sal-Lago di Dobbiaco. Inżuru Auronzo raħal ta' xi 4't elef ruħ fil-provinċja' ta' Belluno, qrib il-wied tal-Cadore, il-Lago Sta Caterina u t-torrente Ansiei maħluq fl-1930 permezz ta' diga. Knejjes sbieħ fil-qrib – ta' Santa Ġustina, ta' San Luċjanu u ta' Santa Katerina. Inżuru wkoll ir-raħal ta' Santa Maria u ta' San Silvestro.

**4 ta' Lulju** Bil-coach, immorru ġurnata lejn **l-Awstrija** fil-belt ta' LIENZ. Din hi belt antika medjoevali, li bdiet qabel l-1242, fit-Tiroll. Hi ċ-ċentru amministrattiv tat-Tiroll tal-Lvant u qegħda fuq ix-xmajjar Drau u Isel. Għandha popolazzjoni ta' madwar 15-il elf. Pjazez u knejjes sbieħ fosthom dawk tad-Dumnikani tal-Franġeskani u ta' Sant'Andrea kif ukoll il-kastell Bruck.

**5 ta' Lulju** Bil-coach immorru **l-Awstrija** fil-belt kbira u sabiħa ta' INNSBRUCK fuq ix-xmara Inn. Din il-belt tinsab kważi fuq il-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Italja. Hi l-kapitali u l-eqdem belt fit-Tiroll. Belt ta' ġmiel, imdawra b'kuruna ta' muntanji. Belt imsemmija għall-isports tax-xitwa. Imżejna b'ħafna knejjes sbieħ u storiċi, b'mużewijiet u b'atmosfera eleganti. Hi belt destinazzjoni għat-turisti mid-dinja kollha. Lura lejn Dobbiaco filgħaxija.

**6 ta' Lulju** Bil-coach - filgħodu mmorru Brunico – ingawdu l-belt u s-suq sabiħ li jarma darba fil-ġimgħa. Brunico, belt antika; fiha nstabu fdalijiet sa mill-preistorja, minn żmien ir-Rumani, mill-ħakma tal-Bavarjani; il-fidi nisranija daħlet xi elf sen'ilu; il-belt għaddiet mill-aħjar żmien tagħha bejn l-1814 u l-1914. Batiet ħafna fil-gwerra li għaddiet imma b'xorti tajba ma tkissritx. Wara nofsinhar liberu.

**7 ta' Lulju** Bil-coach – inżuru lago di Misurina: barra milli naraw l-għadira sabiħa, nistgħu nitilgħu bil-cable car u wara li nduru l-quċċata u nieklu ninżlu bil-pass sal-għadira. Tinsewx iġġibu l-camera. Inżuru r-raħal żgħir ta' San Candido u Cortina d'Ampezzo.

**8 ta' Lulju** Breakfast kmieni biex bil-coach nitilqu lejn l-ajruport ta' Milan Malpensa mnejn nitilqu bit-titjira KM627 fil-11.15am u naslu Malta fis-13.15pm.

**Il-PREZZ: 725 ewro(inklużi t-taxxi) - jinkludi: Ajru / Transfers bil-coach sal-lukanda u lura / il-coach tkun mal-grupp l-ħin kollu tul il-vjaġġ kollu / Akkomodazzjoni tajba fiċ-ċentru, fi kmamar ta' 2 bid-WC/Shower / Buffet Breakfast u ikel ta' nofsinhar (jew packed lunch) u ta' filgħaxija / l-eskursjonijiet kollha / Leader.**

- **ma jinkludix : dħul f'mużewijiet, palazzi, cablecars etc., l-insurance.**

**Booking bi ħlas ċekk ta' Ewro 200. Nistgħu noffrulkom Group Insurance li tiswa 23 Ewro.**

**YTC – 227 Triq il-Merkanti – VALLETTA Tel. 21 233893, 99234500, info@ytc.org.mt**